MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2003

Numru 543/2003

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana u
Sp Anthony Cassar)
vs
Marlon Cassar, iben Paul,
imwieled Pieta' fit-3 ta'
april, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Ħaż-Żabbar, fil-25 ta' ġunju, 2003, bil-qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna u dan bi ksur tkun tista tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' ġunju,, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 110(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat u il-kollaborazzjoni tiegħu mal-pulizija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------